# IL-PIKA LI GĦOSFROT!

Is-Sur NIgel Holland

Jekk ikollok tistaqsi lil xi ħadd illum f'Malta bejn min teżisti l-aktar pika fil-futbol Malti (u mhux fil-futbol biss), anki dawk li mhux daqstant dilettanti tal-ballun ikunu pront isemmulek il-pika bejn il-Floriana u l-Belt. Fil-verita`, iżda, għal żmien twil l-aktar pika ħarxa fil-futbol lokali kienet dik bejn il-Floriana FC u s-Sliema Wanderers. Illum din il-pika storika ġiet kważi fix-xejn u ma nafx x'irid ikun biex din il-pika terġa' tirxoxta għal dik li kienet dari.

Staġun 1921-22 – Titwieled il-pika storika bejn Floriana u Sliema Wanderers

Fl-1919-20 is-Sliema Wanderers rebħu l-ewwel kampjonat tagħhom f'sena li fiha l-Floriana, għal raġuni jew oħra, ma kinux ramaw tim u għalhekk ma kinux ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni, filwaqt li staġun wara, 1920-21, Floriana reġgħu ramaw u rebħu r-raba' kampjonat tagħhom.

Iżda l-pika bejn dawn iż-żewġ *clubs* taf il-bidu tagħha fl-istaġun 1921-22. F'dak l-istaġun Floriana kienu rebħu l-Kampjonat u l-kompetizzjoni *knockout*, imma s-Sliema Wanderers kienu żammewhom *draw* (1-1) għal tliet darbiet fil-Mile End Ground. L-istaġun ta' wara ntlagħab fl-Empire Sports Ground u din id-darba l-kampjonat ġie mirbuħ mis-Sliema Wanderers li għelbu lil kulħadd f'din il-kompetizzjoni għalkemm il-Floriana kienu rebħu l-kompetizzjonijiet *knockout*, kemm ta' Cousis kif ukoll ta' Cassar. Is-sena ta' wara l-Floriana reġgħu ma ramawx.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem dawn il-*Clubs* baqgħu ppikati ma' xulxin.[*1]

Ta' min jinnota, iżda, li din ir-rivalita` ġdida mas-Sliema ma eskludietx il-fatt li kien hemm timijiet oħra li għalihom il-Floriana baqgħu l-akbar rivali.

L-eqdem rivalita` fil-futbol Malti kienet ovvjament dik bejn l-ewwel żewġ timijiet li twaqqfu f'Malta, jiġifieri St George's ta' Bormla u l-Floriana u din baqgħet sejra, għallinqas min-naħa tal-Bormliżi, għal ħafna snin wara li bdiet dik bejn Floriana u Sliema.

Tant hu hekk li meta St George's kienu rebħu lill-Floriana fit-18 ta' April, 1937, għamlu festa kbira u Little St George's kienu anki stiednu lil St George's F.C. għall-festa fil-Café Riche is-Sibt, l-1 ta' Mejju, 1937. F'diskors tal-okkażjoni, fost affarijiet oħra s-Segretarju ta' Little St George's kien qal li 'Il-ħsieb li aħna steddinniekom huwa biex nikkommemoraw ir-rebħa li għamel is-St. George's F.C. fuq l-aktar Team rivali tiegħu' u żied li 'It-18 ta' April, 1937, ma jintesa qatt u jibqa' miktub fil-qlub ta' kulħadd, ...'[*2]

Li ġara, iżda, li minkejja li St. George's għandhom l-unur li kienu pijunieri tal-futbol Malti, ma tantx setgħu jiftaħru li kienu fost dawk li rebħu ħafna unuri u allura filwaqt li huma baqgħu ppikati mal-Floriana, huwa naturali li maż-żmien il-Furjaniżi min-naħa tagħhom aktar ħarsu lejn is-Sliema, li bdew jheddu d-dominanza ta' Floriana fil-futbol Malti, bħala r-rivali veri u proprji tagħhom.

## Il-Floriana u l-Wanderers jiġbdu l-eluf ... u jisħnu l-irjus

Il-logħbiet bejn il-Floriana u s-Sliema Wanderers kienu jkunu mistennija bil-kbir u minn jiem qabel mid-dilettanti tal-ballun lokali tant li minn jiem qabel ukoll il-gazzetti kienu jxandru previżjonijiet u aħbarijiet oħra konnessi ma' dawn l-inkontri li kienu jżidu mal-istennija u l-interess.

Per eżempju, naraw li f'logħba milgħuba l-Ħadd, 24 ta' Ottubru, 1937, il-ġemgħa kbira ta' nies li attendiet għal-logħba fl-Empire Stadium fil-Gżira kienet mhux anqas minn 10,454 ruħ.[*3] Folla fenominali għal żmienna meta wieħed iqis li fi snin riċenti għal-logħob bejn Floriana u Sliema ġieli kien hemm biss ftit għexieren ta' nies. Il-kobor tal-folla joħroġ aktar biċ-ċar meta wieħed iqis ukoll li din kienet logħba li ntlagħbet bikri fl-istaġun, u allura ma kinitx deċiżiva. Illum ikollna xorti naraw folla bħal din għal kwalunkwe logħba li jilgħab kwaunkwe tim jekk tkun xi logħba li ser tiddeċiedi l-kampjonat.

Intant, ir-rapport tal-gazzetta 'Il Berka' fuq din il-logħba partikolari jagħti indikazzjoni tal-pika li kienet tirrenja bejn il-Ħodor u l-Blu'. It-titlu tar-rapport kien jaqra 'IL-LOGĦBA ĦARXA BEJN IL-FLORIANA U L-WANDERERS' bis-sotto titlu jkun 'INĊIDENTI TA' GĦAJB MIŻ-ŻEWĠ CLUBS RIVALI' u fil-bidu tar-rapport naqraw li l-folla '... ta' mhux anqas minn 10,454 marret biex tara l-wisq mistennija logħba bejn l-aktar żewġ Clubs ippikati - il-Floriana u Sliema Wanderers'.

Iżda, din il-logħba, li spiċċat f'pareġġ ta' 0-0, ma pproduċietx logħob sabiħ iżda logħob goff u perikoluż sa mill-bidu nett tagħha li rriżulta wkoll f'xi tkeċċijiet. Sal-ewwel kwarta logħob kien ġa meħtieġ li l-logħba titwaqqaf kull darba biex jiġu mdewwija 3 plejers. Kmieni fl-ewwel taqsima tkeċċa Pinter tas-Sliema għal *foul* ikrah fuq Bond.

Ħames minuti qabel ma spiċċat l-ewwel taqsima t-timijiet ġew indaqs meta tkeċċa Vickers ta' Floriana li ffawlja wkoll bl-ikrah lil Nicholls.

F'ħin minnhom H. Edwards (Sliema) ta daqqa lil Cauchi (Floriana) li żammitu għal ftit minuti fl-art wara li kien l-istess Cauchi li fl-ewwel ħinijiet tal-logħba ffawlja kemm felaħ u għamel agħar milli kienu għamlu Pinter u Vickers flimkien kif, l-istess għamel Sammut tas-Sliema f'daħla goffa oħra fuq Svoboda ta' Floriana eżattament wara li dan tal-aħħar kien salva *penalty* mogħti mill-istess Sammut, li ried jiżvoga d-diżappunt tiegħu għall-*penalty* li falla.

Cauchi kompla jpattiha għal-logħob goff li beda bih u spiċċa mira ta' aktar plejers Slimiżi tant li fit-tieni taqsima kien Gauci li ħebb għalih u laħaq tah xi daqqiet ukoll.

Il-logħba tant iddeġenerat li ħin minnhom kien hemm it-theddida li l-logħba tiġi abbandunata.[*4]

L-epilogu ta' din il-logħba kien li eventwalment Floriana u Sliema Wanderers kienu ġew immultati 5 liri kull wieħed, Vickers ġie sospiż għal 15-il jum, l-istess Pinter li ġie mmultat lira wkoll, Bond ġie sospiż 5 ijiem talli kien qagħad iħaqqaqha mar-*referee* dwar id-deċiżjonijiet tiegħu u E. Cauchi ġie mmultat 5/- u mwiddeb dwar il-logħob goff tiegħu.[*5]


Soċjeta` Filarmonika Vilhena Floriana Festa 2016
14, Triq Sant' Anna, Floriana, FRN 9013 info@vilhenabc.com https://www.facebook.com/SocjetaFilarmonikaVilhena

**Pika fuq kull livell ...**

Il-pika bejn il-Floriana u s-Sliema kienet tinżel f'kull livell, mit-timijiet il-kbar sa dawk taż-żgħażagħ. Per eżempju, logħba importanti tal-kampjonat tar-riservi (li llum m'għadux jiġi organizzat) milgħuba fid-19 ta' Jannar, 1957 fl-Empire Stadium bejn Floriana u Sliema, li kienu qegħdin jokkupaw il-quċċata tal-klassifika, rat xeni li qatt ma kienu seħħew bħalhom f'dan il-kampjonat partikulari. Dawn inqalgħu qabel it-tmiem tal-logħba meta l-Wanderers kien ġa qegħdin 2-1 minn fuq (li kien anki r-riżultat finali).

It-tempra għolja kienet ġa evidenti fl-ewwel taqsima meta l-iskor kien 1-1. Il-logħob goff reġa' beda malli bdiet it-tieni taqsima.

Il-quċċata ntlaħqet fit-18-il minuta. Is-*centre forward* Dalli kien iffawljat fil-kaxxa Slimiża u dan irriżulta fi ġlieda bejn kulħadd bi plejers imweġġgħin fuq iż-żewġ naħiet. Kien hemm plejers qed jaqilgħu bis-sieq mal-art hekk kif ma kinux f'pożizzjoni li jirritaljaw. Il-*fence* fuq in-naħa tas-*side* tas-Sliema ġie mitfugħ mal-art u l-ispettaturi daħlu fil-piċċ. Malajr ġew segwiti minn x'uħud min-naħa tal-Floriana u l-Pulizija.

Meta eventwalment beda l-logħob wara 15-il minuta, Floriana kienu mingħajr l-aħwa Dalli u l-Wanderers mingħajr Walsh, peress li ġew imkeċċija t-tlieta.*6

Anki r-*referee* kien spiċċa vittma ta' din il-logħba, li l-inċidenti li nqalgħu fiha kienu inkwetaw lill-pubbliku li jsegwi l-futbol lokali, tant li l-MFA Referees Board kien evalwa l-mod kif kien idderieġa u ddeċieda li jniżżlu minn Klassi II għal Klassi III u seta' jirrefja biss logħbiet tat-Tielet Diviżjoni u tal-Kampjonat tal-Minors.*7

U dan l-inkwiet kollu minħabba logħba tar-riservi, iżda dan jikkonferma li logħba bejn Floriana u Sliema, tintlagħab fuq liema livell tintlagħab, kienet ser tkun waħda taħraq.

**... u f'kull kompetizzjoni**

Ta' min jinnota li r-rivalita` bejn il-Floriana u s-Sliema ma kinitx tieqaf biss mal-logħbiet bejn il-*clubs* rappreżentattivi tal-lokalitajiet rispettivi, jiġifieri l-Floriana FC u s-Slierma Wanderers, iżda kienet testendi ruħha anki għal kompetizzjonijiet oħra fejn kienu jieħdu sehem timijiet oħra ġejjin minn dawn il-lokalitajiet.

Per eżempju, kienet magħrufa wkoll il-pika kbira, għal żmien twil, bejn it-tim Furjaniż tad-dilettanti, it-Tigers, u l-avversarji Slimiżi tagħhom, is-Sliema Rangers, u b'liema serjeta` kienu jieħdu l-logħob ta' bejniethom li kienu jiġbdu lejn l-Empire Stadium għadd kbir ta' nies minħabba l-interess kbir li kien iqajjem il-logħob ta' bejniethom*8 fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.

**Inkwiet fix-xalata tal-għada tal-festa**

Il-pika ħarxa bejn Floriana u Sliema fil-qasam tal-futbol ġieli sabet espressjoni 'l bogħod mill-piċċ ukoll.

Kien hemm żmien meta x-xalata tal-għada tal-Festa ta' San Publju kienet toħloq tensjoni bejn iż-żewġ naħiet hekk kif din

Fl-1972 ix-xalata aktar ħabtet ħażin għax kienet 6 ijiem biss qabel logħba deċiżiva li fiha Floriana riedu jirbħu lil Sliema biex jisforzaw ***decider*** mal-istess rivali eterni Sliema għar-rebħ tal-kampjonat għall-istaġun 1971-72.

Dakinhar tax-xalata, it-Tnejn, 17 ta' April, 1972, filgħaxija, inxteħet flixkun lejn ix-xalaturi Furjaniżi waqt li kienu għaddejjin minn quddiem il-każin tal-futbol tas-Sliema Wanderers u grupp ta' żgħażagħ Furjaniżi daħlu fil-każin. Eventwalment tressqu l-qorti erbgħa minnhom u nstabu ħatja li għamlu parti minn ġemgħa ta' nies bi ksur tal-liġi u li ddisturbaw il-paċi pubblika b'għajjat u




*It-tim tal-Furjana li lagħab il-Final tal- FA Trophy kontra Sliema Wanderers FC. Il-logħba rebħuha l-Floriana FC 3-1. Dan wara li Floriana FC kienu għadhom kemm tilfu l-league wara decider kontra l-istess Sliema Wanderers FC.*

*Frankie Micallef, Anton Camilleri, Alfred Debono, Anthony Farrugia, Edwin Farrugia, Raymond Xuereb*
*Willie Vassallo, Charlie Galea, Louis Arpa, George Xuereb,Salvu Bonello*

**Informazzjoni u r-ritratt ipprovduti mis-Sur Paul Xuereb**

ġlied. Ġew meħlusa bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor għall-perjodi li ma qabżux sena.[*9]

Maż-żmien bdew jittieħdu miżuri stretti mill-Pulizija biex ma jinqalgħux inċidenti simili matul ix-xalata.

**U issa ...**

U issa minn din il-pika kollha kważi inkredibbilment baqa' ftit li xejn. Naħseb li għas-Slimiżi l-akbar rivali baqgħu l-Furjaniżi, iżda,

## Noti u Riferenzi


*1 Il Berka, Nru, 1,607, Is-Sibt, 8 ta' Mejju, 1937., p. 9

*2 Il Berka, Nru, 1,605, Il-Ħamis, 6 ta' Mejju, 1937., p. 3

*3 Il Berka, Nru, 1,749, Is-Sibt, 25 ta' Ottubru, 1937., p. 10

*4 Ibid., pp. 10-12

*5 Il Berka, Nru, 1,752., Il-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 1937., p. 4

*6 Times of Malta, No. 6,652, Tuesday, January 22, 1957, p. 14

*7 Times of Malta, No. 6,667, Friday, February 8, 1957, p. 14

*8 Il Berka, Nru, 1,730, Is-Sibt, 2 ta' Ottubru, 1937., p. 10

*9 The Sunday Times of Malta, No. 2,859, April 23, 1972, p. 26



NARACAMICIE



Bisazza Street,
Sliema
(+356) 21332587

Melita Street,
Valletta
(+356) 21227503